**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru: 43/2019 RM**

**WM Environmental Limited (C 53505)**

**-Vs-**

**Kunsill Lokali Ħaż Żebbuġ**

**Illum, 4 ta' April 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-soċjeta` attrici WM Environmental Limited ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Marzu 2019 fejn talbet lil din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja, tikkundanna lill-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ iħallasha s-somma ta' erbatax-il elf, sitt mija u tmien ewro (€14,608) liema somma tirrappreżenta ħlas ta' appalt ossia xogħol ta' knis ta' toroq u tindif u żamma ta' *soft areas* fil-lokalita' ta' Ħaż-Żebbuġ għax-xhur ta' Settembru 2015, Ottubru 2015, Novembru 2015, Diċembru 2015, Diċembru 2016, Jannar 2017, Frar 2017, April 2017, Mejju 2017 u Ġunju 2017.

Bl-imgħax minn Settembru 2015 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali bin-numru 2863/20147 u ittra uffiċjali taħt l-166A tal-Kap. 12 numru 492/2018 preżentati kontra l-Kunsill konvenut li huwa ngunta għas-subizzjoni .

Rat ir-Risposta ppreżentata mill-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ[1] fil-15 ta' April, 2019 fejn eċċepixxa:

*1. Illi l-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ jirrespinġi l-pretensjoni tas-soċjeta' WM Environmental stante li mhux minnu li l-ammont huwa dovut kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat id-digriet tagħha mogħti fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2021;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Rat illi l-kawza tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-ammont mitlub f'din il-kawża jirrappreżenta l-valur ta' servizzi differenti li s-soċjeta` attriċi tgħid li hija pprestat a favur tal-Kunsill konvenut, liema servizzi baqgħu ma tħallsux.

---

[1] Fol. 5.

Mill-provi jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi kienet rebħet tender għall-prestazzjoni ta' servizzi lill-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ u ġie konkluż kuntratt bejn il-partijiet fejn il-kuntrattur obbliga ruħu li jippresta servizzi konsistenti f'tindif u manutenzjoni ġenerali ta' *soft areas* ġewwa l-lokalita'[2] fosthom li titnaddaf il-ħamrija, jiġu miżbura s-siġar tar-*roundabouts* u jitħawlu xtieli. Is-soċjeta' attriċi ingħatat ukoll kuntratt ieħor fl-istess żmien għall-knis tat-toroq tal-lokalita'.

Alexia Bongailas xehdet[3] li baqgħu ma tħallsux l-*invoices* maħruġa mis-soċjeta' attriċi fuq il-kuntratt tat-tindif u manutenzjoni tas-*soft areas*, għax-xhur ta' Settembru, Ottubru, Novembru u Diċembru 2015, ix-xahar ta' Diċembru 2016 u x-xhur ta' Marzu u Mejju 2017. L-i*statement of account* datat 12 ta' Frar 2020, esebit mis-soċjeta' attriċi in segwitu għax-xhieda ta' Alexia Bongailas, juri minflok illi l-*invoices* mhux imħallsin għas-sena 2017 huma dawk li nħarġu għax-xhur ta' Jannar, Frar, April u Ġunju 2017.

Il-Kunsill Lokali konvenut jilqa' għat-talba għall-ħlas fuq żewġ binarji: jikkontendi illi wħud mill-ammonti reklamati mis-soċjeta' attriċi f'din il-kawża ma ġewx imħallsin għaliex is-soċjeta' attriċi naqset milli tipprovdi s-servizz tat-tindif u manuntezjoni tas-*soft areas* skont l-obbligi kuntrattwali tagħha u in kwantu għall-bqija tal-*invoices*, jikkontendi li dawn kienu diġa' ġew imħallsin.

<u>Nuqqasijiet fil-Prestazzjoni tas-Servizz</u>

Il-Kunsill Lokali jikkontendi s-soċjeta' attriċi, il-kuntrattur, naqset milli tipprovdi servizz sodisfaċjenti taħt il-kuntratt tat-tindif u manutenzjoni tas-*soft areas* tal-lokalita' u minħabba li dan in-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt baqa' jippersisti, huwa kien iddeċieda skont il-gravita' tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt fix-xahar partikolari, li jnaqqas 5% mill-prezz reklamat mill-kuntrattur jew ma jagħmel l-ebda pagament

[2] *'Tender for the maintenance and upkeep of soft areas in Ħaz Żebbuġ'* – Dok. PV1.
[3] Xhieda tas-6 ta' Frar 2020

taħt il-kuntratt matul dawk ix-xhur li fihom il-prestazzjonijiet ma kienux sodisfaċjenti[4]. Fir-rigward, ġew esebiti fl-atti serje ta' *Default Notices* li ntbagħtu lill-kuntrattur dwar in-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt tat-tindif u manutenzjoni tas-*soft areas*[5] u b'talba biex jindirizza dawn in-nuqqasijiet[6]. Il-lanjanzi tal-Kunsill fir-rigward tal-prestazzjonijiet tal-kuntrattur laħqu l-qofol tagħhom fl-20 ta' Settembru 2017, meta il-kuntrattur ġie mgħarraf li l-kuntratt kien terminat b'effett mit-30 ta' Settembru 2017[7].

Il-Qorti tosserva li fil-kuntratt konkluż bejn il-partijiet għat-tindif u manutenzjoni ta' *soft areas*, huwa stipolat li fl-eventwalita' ta' dewmien fl-eżekuzzjoni tal-obbligi kuntrattwali da parti tal-kuntrattur, il-Kunsill għandu dritt inaqqas 1% tal-prezz tal-kuntratt għal kull ġurnata ta' dewmien in linea ta' danni, sa massimu ta' 15% tal-valur tal-kuntratt[8], kif ukoll dritt li jittermina l-kuntratt u jimponi penalitajiet oħrajn, fosthom tnaqqis addizzjonali in linea ta' danni fl-ammont ta' 5% tal-valur tal-kuntratt[9].

In linea ta' prinċipji legali jingħad illi l-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem illi l-kuntratt hu liġi għall-partijiet kontraenti u dak il-vinkolu kontrattwali għandu jigi rispettat għaliex il-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni trid tipprevali u trid tiġi osservata: "*pacta sunt servanda*"[10].

Kif inhuwa risaput, huwa mogħti lil parti f'kuntratt li tilqa' bid-difiża tal-inadempiment għat-talba tal-ħlas magħmula mill-parti l-oħra - magħrufa bħala l-*exceptio non rite adempleti contractus* - liema eċċezzjoni tista' titqajjem f'kull

[4] Ara xhieda ta' Paula Valletta, 6 ta' Frar 2020.
[5] Dok. PV2 sa PV8.
[6] Default notices jirreferu speċifikatament ghax-xhur ta' Novembru u Diċembru 2016, u Jannar u Frar 2017, kif ukoll matul diversi xhur tas-sena 2016 – ara Dok. PV2 sa Dok. PV8. Bejn Ġunju 2016 u Jannar 2017 ġiet skambjata wkoll korrispondenza b'email bejn is-Sindku u d-direttur tas-soċjeta' attriċi dwar in-nuqqas fit-twettiq tal-kuntratt tal-manutenzjoni u tindif tas-soft areas – Dok. PV9.
[7] Dok. PV3, fol. 87.
[8] Article 34.
[9] Article 60.
[10] **Emanuel Cauchi et vs BCF Holdings Limited et** (Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 28 ta' Gunju 2006) fejn ġiet ċitata s-sentenza fl-ismijiet **Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines**, Appell Ċivili 5 ta' Ottubru, 1998.

kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku. Din hija maħsuba li twaqqa' l-azzjoni tal-kreditur li ma jkunx wettaq huwa stess dak li ntrabat għalih fil-kuntratt[11]. Huwa minnu li din l-eċċezzjoni ma ġietx sollevata espressament mill-Kunsill konvenut fir-Risposta li ressaq biex jikkontesta t-talba fir-Rikors promotur iżda hu ovvju mix-xhieda ta' Paula Valletta u Robert Tabone li r-raġuni għaliex il-Kunsill kien iddeċieda li ma jħallasx lis-soċjeta' attriċi taħt il-kuntratt, kienet sewwasew in-nuqqas ta' prestazzjoni tas-servizz in linea mal-obbligi kuntrattwali tal-kuntrattur taħt il-kuntratt. Billi din il-pożizzjoni tinkwadra sfiq fil-qafas tal-eċċezzjoni tal-inadempiment tal-obbligi kuntrattwali, il-Qorti sejra tqis l-oppożizzjoni tal-Kunsill għat-talba għall-ħlas, taħt l-ottika tal-*exceptio inadempleti contractus*.

Jinsab ritenut illi fejn eċċezzjoni bħal din tirriżulta mistħoqqa, il-parti imħarrka tikseb l-għarfien ġudizzjarju (b'seħħ lura minn dakinhar li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti tagħha) li hija tista' tissospendi l-eżekuzzjoni tar-rabtiet tagħha sakemm il-parti l-oħra attriċi tibqa' inadempjenti. Madankollu, huwa aċċettat ukoll fl-insenjament dottrinali in materja li biex dan jista' jsir irid jintwera li min jirreżisti l-ħlas ma kienx huwa nnifsu inadempjenti f'xi ħaġa li kellu jagħmel taħt l-istess kuntratt. Kemm hu hekk, il-prinċipju li *inademplenti non est ademplendum* huwa msejjes fuq il-presuppost li min jonqos li jwettaq dak li jkun intrabat bih f'kuntratt, ma jistax iwaqqa' l-istess kuntratt fuq il-kawżali tal-inadempjenza tal-parti l-oħra[12].

Intqal hekk in propositu:-

"*Per exceptio inadempleti conractus si intende, come dice il termine stesso, un'eccezione che il debitore (in base a contratto bilaterale) che venga convenuto dalla*

[11] Appell Kummerċjali 12.3.1965 Aquilina Utrinque (Kollez. Vol: XLIX.i.518).
[12] App. Ċiv. 3.6.1938 **Muscat vs Attard et** (Kollez. Vol: XXX.i.155); App. Inf. 15.1.2010 **Siġġiewi Basketball Club vs Michele Peresso Ltd**.

*contraparte per l'esecuzione della sua propria obbligazione, puo'opporre, se la contraparte che agisce contra di lui, non abbia, essa stessa, adempiuto, o non sia pronto ad adempiere."*[13]

Minbarra dan, biex dik l-eċċezzjoni tista' tintlaqa' jeħtieġ jintwera kumulattivament li:-

*"(i) L-inadempjenza tal-attur li tolqot xi obbligazzjoni tieghu trid tkun parti ntegrali mill-ftehim; (ii) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur; u (iii) irid ikun hemm proporzjonalita' bejn l-inadempjenza tal-partijiet u cioe' li n-nuqqas tal-attur relattivament ghall-prestazzjonijiet li huwa jesigi mill-konvenut tkun ta' certa gravita'."*[14]

Applikat dan l-insenjament għall-provi akkwiżiti fl-atti proċesswali, il-Qorti ma rriskontrat l-ebda allegazzjoni, wisq inqas prova, li l-Kunsill innifsu kien inadempjenti f'xi obbligu kuntrattwali impost fuqu fil-kuntratt dwar it-tindif u manutenzjoni tas-*soft areas* fil-lokalita'. Min-naħa l-oħra, il-provi juru illi s-soċjeta' attriċi kienet inadempjenti fl-obbligu tagħha taħt il-kuntratt f'diversi istanzi u matul diversi xhur waqt il-perijodu tal-validita' tal-kuntratt u din l-inadempjenza mhux biss kienet waħda regolari u f'istanzi wkoll materjali, iżda wkoll kienet taħti għaliha biss is-soċjeta' attriċi. Dan qed jingħad għaliex imkien ma ġie allegat mis-soċjeta' attriċi, rinfaċċjata bl-allegat nuqqas ta' adempjenza tagħha taħt il-kuntratt, li dan in-nuqqas kien jaħti għalih ħaddieħor.

Dawn il-konklużjonijiet il-Qorti waslet għalihom wara li kkunsidrat is-segwenti riżultanzi mill-provi.

---

[13] *Giovanni Pacchione: Diritto Civile Italiano – Diritto Delle Obbligazioni* - citat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fis-sentenza **Nazzareno Vassallo et vs Dr.Michael Caruana et**, deciza fl-20 ta' Gunju 2008.
[14] **Panta Marketing and Services Limited vs Joseph Brincat** – Qorti tal-Appell [Inferjuri], deciza 28 ta' Gunju 2011. Ara wkoll **Easysell Caterers (Gozo) Limited vs Benjamin Bonello et**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, 6 ta' Mejju 2010.

Paula Valletta, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill konvenut, xehdet illi kif jirriżulta mill-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill, il-Kunsill kien iddeċieda li joħroġ *default notices* fil-konfront tas-soċjeta' attriċi minħabba nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt fix-xhur ta' Novembru 2016, Diċembru 2016, Jannar 2017, Frar 2017 u Ġunju 2017 u kien proprju minħabba n-nuqqas ta' prestazzjoni sodisfaċjenti illi l-ammont pretiż fir-rigward mill-kuntrattur, ma ġiex imħallas mill-Kunsill[15]. Paula Valletta fix-xhieda tagħha fissret li l-ilmenti kienu jikkonċernaw prinċipalment ħaxix f'ċertu ħwiet u siġar li ma kienux qegħdin jiġu miżbura, fost ilmenti oħrajn kif jirriżulta mill-korrispondenza esebita fl-atti proċesswali. Qalet ukoll li l-fatt li ma jkun sar ebda ħlas lis-soċjeta' attriċi f'xahar jew xhur partikolari jfisser li l-Kunsill ikun iddeċieda li s-servizz prestat f'dak ix-xahar jew xhur tant ma kienx sodisfaċjenti li ma kienx jimmerita l-ebda pagament.

Robert Silvio Tabone, *works supervisor* mal-Kunsill Lokali Ħaż Żebbuġ, esebixxa serje ta' ritratti, meħudin minnu stess, li juru x-xogħol li ma sarx jew li ma sarx kif suppost mill-kuntrattur imqabbad mill-Kunsill bejn is-sena 2015 u s-sena 2017, il-ħmieġ li akkumula fis-*soft areas* fil-lokalita' li kienu koperti bil-kuntratt in diżamina, kif ukoll siġar goffi minħabba nuqqas ta' żbir.

Mill-provi jirriżulta wkoll li l-kuntrattur ingħata diversi opportunitajiet sabiex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu taħt il-kuntratt u jwettaq is-servizzi li kien obbligat jippresta favur il-Kunsill u diversi drabi ġie msejjaħ biex itejjeb is-servizz. Mill-korrispondenza elettronika skambjata bejn is-Sindku Sarah Agius u l-kuntrattur, il-Qorti fehmet li għalkemm il-lanjanzi tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' prestazzjoni tal-kuntrattur ġew imfissra lilu ripetutament, bil-miktub u fid-dettal, jidher li huwa baqa' ma indirizzax dawn in-nuqqasijiet u hi evidenti l-frustrazzjoni tas-Sindku. Diġa' f'Jannar u Ġunju 2016 il-Kunsill kien qed iwassal lill-kuntrattur l-ilmenti tiegħu dwar in-nuqqasijiet fix-xogħol ta' manutenzjoni: ilmenti li reġgħu ġew komunikati lilu fix-xhur ta' Ottubru, Novembru u Diċembru 2016, tant illi f'Jannar 2017 il-Kunsill kien

[15] Fol. 137.

beda jikkunsidra jittermina l-kuntratt minħabba proprju n-nuqqas ta' prestazzjoni sodisfaċjenti tal-obbligi ta' tindif u manutenzjoni taħt il-kuntratt.

Il-prospett esebit in atti[16] juri li l-*invoices* tas-soċjeta attriċi, mertu ta' din il-kawza, li l-ħlas tagħhom ma kienx ġie approvat mill-Kunsill minħabba nuqqas ta' prestazzjonijiet, kienu dawk li jirreferu għax-xhur ta' Diċembru 2016, Jannar 2017, Frar 2017 u Ġunju 2017 fis-somma ta' €1,496.30 kull wieħed.

Kif ingħad, jirriżulta li dawn l-ilmenti mhux biss kienu jiġu komunikati regolarment lill-kuntrattur matul is-sena 2016 iżda kienu wkoll jiġu diskussi waqt laqgħat tal-Kunsill li diversi drabi ddeċieda li l-kuntrattur kien moruż fl-obbligi kuntrattwali tiegħu. Il-Qorti tosserva wkoll illi s-soċjeta' attriċi, għalkemm kienet ben konxja tar-raġuni għaliex il-Kunsill Lokali kien qed jirrifjuta li jħallas il-pagament pretiż għal dawk ix-xhur li matulhom il-prestazzjonijiet tagħha taħt il-kuntratt kienu skarsi, baqgħet ma ressqet l-ebda provi biex tilqa' għall-pożizzjoni konsistenti u definittiva ġia' meħuda mill-Kunsill fir-rigward u għajr għal korrispondenza li ntbagħtet b'risposta[17] għall-*email* tas-Sindku tal-10 ta' Jannar 2017, ma jirriżultax li s-soċjeta' attriċi ċaħdet din il-pożizzjoni jew ħadet azzjoni biex tikkontesta d-deċiżjoni tal-Kunsill, la dak iż-żmien u lanqas matul dawn il-proċeduri. Tosserva wkoll illi din il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' adempiment tal-kuntratt f'diversi xhur matul is-snin 2016 u 2017, ribadita fix-xhieda ta' Paula Valletta u Robert Silvio Tabone, baqgħet ma ġietx kontestata bis-serjeta' mis-soċjeta' attriċi, li naqset milli tiġġustifika jew talanqas toffri spjegazzjoni għal dak li jidher fir-ritratti li ttieħdu minn Robert Tabone in sostenn tal-pożizzjoni tal-Kunsill fir-rigward, sorretta ulterjorment bil-korrispondenza u dokumenti fl-atti li juru li l-kuntrattur kien regolarment inadempjenti fl-obbligi tiegħu taħt il-kuntratt. Dan kollu minkejja li kien jinkombi lill-istess soċjeta' attriċi l-oneru tal-prova li hija wettqet is-servizzi li għalihom qed tirreklama l-ħlas u li dan il-ħlas hu dovut mill-Kunsill konvenut.

[16] Xhieda ta' Paula Valletta 18 ta' Jannar 2021, Dok. X, fol. 137.
[17] *Email* tal-11 ta' Jannar 2017 – Dok. PV9.

Kollox magħdud, speċifikatament li d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali li ma japprovax diversi talbiet għall-ħlas mis-soċjeta' attriċi - rimedju li mhux biss jidher li kien maħsuba mill-patt konvenzjonali iżda baqa' qatt ma ġie kontestat – il-Qorti hija tal-fehma illi hemm biżżejjed provi fl-atti biex jikkonvinċuha li fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet, il-kuntrattur ċioe' s-soċjeta' attriċi, kien effettivament inadempjenti taħt il-kuntratt tat-tindif u manutenzjoni tas-*soft areas* **fix-xhur ta' Diċembru 2016, Jannar 2017, Frar 2017 u Ġunju 2017**.

Dan ifisser li t-talba għall-ħlas tas-soċjeta' attriċi għas-servizzi prestati f'dawn ix-xhur imsemmija ma tistax tintlaqa' għaliex il-Qorti tqis li ġie muri b'mod sodisfaċjenti li d-deċizjoni li dawn l-*invoices* partikolari ma jitħallsux, kienet waħda ġustifikata: prova li effettivament tfisser li l-*exceptio inadempleti contractus* għandha ssib riskontru sħiħ f'dan il-każ.

Pagament

Is-soċjeta' attriċi tirreklama wkoll il-ħlas tas-servizzi prestati minnha taħt il-kuntrat ta' tindif u manutenzjoni tas-*soft areas* għax-xhur ta' **Settembru, Ottubru, Novembru u Diċembru 2015 u għax-xhur ta' April 2017**[18].

Fir-rigward, il-Kunsill Lokali konvenut ressqet prova, mhux kontradetta, li hija ħallset dawn l-*invoices* kollha. Din il-provi tikkonsisti fid-dokument mehmuż man-nota ppreżentata fis-7 ta' Frar 2022 kontenenti prospett kif ukoll kopja fotostatika tac-*cheques* kollha li nħarġu mill-Kunsill għall-ħlas ta' dawn l-invoices u oħrajn, liema *cheques* issarrfu mis-soċjeta' attriċi. Speċifikatament, il-Qorti riskontrat prova tal-ħlas b'*cheque* ta' kull wieħed minn dawn il-pagamenti reklamati fl-i*statement* tas-soċjeta' attriċi[19] u dan fic-*cheques* li jinsabu esebiti *a folio* 175 et sequitur. Skont kif jirriżulta mill-prospett Dok. X, dawn ic- *cheques* jirreferu għax-xhur li qed tirreklama l-ħlas tagħhom is-soċjeta' attriċi f'din il-kawża.

[18] Vide statement maħruġ mis-soċjeta' attriċi datat 12.2.2020, fol. 117.
[19] Statement fol. 117.

Din il-prova ma ġietx kuntrastata mis-soċjeta' attriċi li, għalkemm ġiet rinfaċċjata bl-allegazzjoni tal-ħlas u d-dokumenti esebiti in atti[20], ma ċaħditx li dawk il-pagamenti effettivament saru lilha u ma ċaħditx lanqas li l-pagamenti li saru kienu pagamenti għas-servizz imwettaq minnha għax-xhur indikati minnha fil-prospett esebit in atti[21].

Minn dan il-Qorti hi sodisfatta li ġie sodisfaċjentement ippruvat illi l-Kunsill ħallas il-pagamenti reklamati mis-soċjeta' attriċi għax-xhur ta' Settembru sa Diċembru 2015 u x-xahar ta' April 2017 safejn għandu x'jaqsam il-kuntratt tat-tindif u manutenzjoni tas-*soft areas*.

Ikkunsidrat;

In kwantu għall-kuntratt tal-knis tat-toroq (*street sweeping*), is-soċjeta' attriċi tirreklama l-ħlas għas-servizz mogħti minnha fix-xahar ta' Mejju 2017[22]. Il-kuntratt li ġie konkluż bejn il-partijiet fir-rigward tal-fornitura ta' dan is-servizz ma ġiex esebit fl-atti iżda m'hemmx kontestazzjoni li effettivament, is-soċjeta' attriċi kienet tipprovdi dan is-servizz ta' knis tat-toroq lill-Kunsill Lokali Ħaż Żebbuġ u li effettivament ipprestat dan is-servizz fix-xahar ta' Mejju 2017.

Is-soċjeta' attriċi tikkontendi madanakollu għadhom pendenti l-ħlasijiet dovuti għax-xahar ta' Mejju 2017 fuq il-kuntratt tat-tindif. L-i*statement of account* datat 12 ta' Frar 2020 maħruġ mis-soċjeta' attriċi, juri li l-uniku ħlas li ma sarx fuq dan il-kuntratt partikolari, huwa dak pretiż għax-xahar ta' Mejju 2017, fis-somma ta' €1,141,66.

Fir-rigward, il-Kunsill konvenuti isostni li s-servizz dejjem ingħata b'mod sodisfaċjenti u peress li qatt ma kien hemm problemi, dan is-servizz dejjem tħallas skont il-kuntratt. Kemm hu hekk, mid-dokumenti li ġew esebiti mill-istess Kunsill[23],

[20] Dok. X u s-sett ta' dokumenti esebiti permezz tan-nota tal-4 ta' Frar 2022.
[21] Fol. 117.
[22] Fol 117.
[23] Dok. X fol. 136 u d-dokument esebit man-nota tal-4 ta' Frar 2022.

jirriżulta li huwa dejjem ħallas għal dan is-servizz u l-pagamenti saru kollha sa April 2017. Madanakollu, il-Kunsill baqa' ma ressaq l-ebda prova li l-pagament reklamat mill-kuntrattur għax-xahar ta' Mejju 2017 m'huwiex dovut għaliex dan diġa' tħallas, għaliex is-servizz ma ngħatax jew għaliex il-kuntratt ma kienx għadu fis-seħħ. Kif rajna, il-provi juru li l-Kunsill dejjem kien sodisfatt bil-prestazzjonijiet tal-kuntrattur taħt il-kuntratt tal-knis tat-toroq u ma kienx hemm diffikoltajiet.

Għaldaqstant, il-Qorti fehmet illi l-pagament reklamat mis-soċjeta' attriċi għax-xahar ta' Mejju 2017 mhux kontestat mill-Kunsill u billi ma ġiex ippruvat li dan effettivament tħallas, tqis li l-pagament għadu dovut lis-soċjeta' attriċi.

**Għal dawn il-motivi taqta' u tiddeċiedi li filwaqt li tilqa' l-eċċezzjoni tal-Kunsill konvenut biss safejn hija kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi limitatament billi tikkundanna lill-KUNSILL LOKALI ĦAŻ ZEBBUĠ iħallas lil WM ENVIRONMENTAL LIMITED is-somma ta' elf mija u wieħed u erbgħin Euro u sitta u sittin ċenteżmu (€1,141,66) għal xogħol ta' knis ta' toroq għax-xahar ta' Mejju 2017, bl-imgħax mid-data meta ġie reż is-servizż.**

**L-ispejjeż jitħallsu in kwantu sehem ta' wieħed minn għaxra (1/10) mill-Kunsill konvenuti u in kwantu għall-bqija mis-soċjeta' attriċi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**